U minn xħin Marì kienet ħabbet lil Toni, Toni kien sar għaliha l-ilma tal-ħajja.

Għodwa waħda tal-ħarifa, xi bdiewa li kienu niżlu jaħdmu f'xifer ta' rdum qrib blata daqshiex, ħdejn ħarruba xiħa għakka, sabu arma tan-nar u ċurniena.

Xi ħadd għaraf iċ-ċurniena. Kienet ta' Toni, dak li darba kien xriek ma' missier Marì.

Fettxew lil Toni u sejħulu kemm-il darba; iżda Toni ma weġibx. Wieħed mill-bdiewa xiref għal isfel u, fuq blata milħuqa u nofsha maħsula mill-ilma baħar, lemaħ ħaġa mixħuta gods bħallikieku sorra ħwejjeġ.

Kien ġisem Toni, imfarrak u mimli dmija.

* * *

Sena wara l-mewt ta' Toni xejn ma kien baqa' xi jfakkar lill-bdiewa ta' dawk l-inħawi f'din il-ġrajja, għajr żewġ qsari tal-ward, mimlijin blanzuni midbiela hemm fuq is-setaħ ħiemed tar-razzett fejn darba kienet għexet u ħabbet is-sbejħa Marì.

---

## REĊENSJONI

Patri Pawl G. Galea, O.P., S.Th.Lect. & Lic. — **L-Isqfijiet ta' Malta għand id-Dumnikani tar-Rabat Qabel id-Daħla Solenni fil-Katidral. — Paġ. 16 — 1944.**

Ktieb ta' storja li jiswa wisq għal min jinteressa ruħu fil-ġrajjiet ekkleżjastiċi tal-Gżira tagħna. L-awtur jidher li ndaħal għal din il-biċċa xogħol bil-ħrara ta' qalbu kollha. Kull paragrafu u kull tagħrifa li fih il-ktieb huma mibnija fuq dokumenti, manuskritti, kronaki u testi antiki li ftit huma magħrufa imma li l-awtur jidher li qrahom sewwa u għarbilhom b'dehwa kbira.

Ix-xogħol hu miktub bi stil tajjeb, mexxej u ċar li jista' jaqrah kullħadd u li ma jdejjaq lil ħadd. Min jiftaħ dan il-ktejjeb ma jagħalqux qabel ma jaqrah sa l-aħħar.

Patri Pawl jistħoqqlu kull tifħir mhux biss talli kellu s-sabar jiġbor dak it-tagħrif kollu fuq waħda mill-aqwa ċirkustanzi fil-ġrajja tal-Knisja tagħna, iżda wkoll għax għaraf joħroġ dan ix-xogħol hekk ta' fejda għall-istorja tagħna. Il-ktejjeb għoġobna ħafna, biss xtaqna narawh f'għamla aktar kbira għax il-materjal li fih jisboq lis-sittax-il paġna li miġbur fihom.

Ġ.

**INFAKKRU** lil Membri Akkademiċi u lill-imseħbin fi "Il-Malti", li għadhom ma ħallsux għas-sena 1944, biex jekk jogħġobhom jibagħtu l-ħlas tagħhom mhux iżjed tard mill-aħħar ta' Lulju. L-imseħbin fir-Rivista huma mwissijin li jekk ma jħallsux sad-data msemmija hawn fuq ma jkollhomx għalfejn jistennew li jaslilhom "Il-Malti" għall-bqija tas-sena.

---

## XIRKA GĦAT-TIXRID TA' L-ILSIEN MALTI

### KUMITAT GĦAS-SNIN 1944-1945

**President:** Kav. Jos. Galea, M.D., D.P.H.;

**Segretarju:** Is-Sur Ġ. Cassar Pullicino.

**Kaxxier u Asst. Segretarju:** Is-Sur Ġorġ Chetcuti.

**Membri:** Patri Pawl Tabone, O.F.M., J. Can. Th. M. Lect. Glis.; Brother Amedy Charles; is-Sur Marju Agius; is-Sur Ġ. Azzopardi Debono.

---

### KUMITAT XIRKA TIXRID ILSIEN MALTI—NADUR.

**President:** Patri Pawl Tabone O.F.M., J.Th.M.Lect.Glis.;

**Viċi President:** In-Nutar Ġ. Cauchi LL.D.;

**Segretarju:** P. Portelli Ph.C.;

**Kaxxier:** Is-Sur Kelinu Grima;

**Asst. Segretarju:** Sinjorina Ġ. Portelli;

**Membri:** Sinjuri: Surmast A. Buttigieg, Karm. Said, P.P. Attard, G. Azzopardi.